## IL-BIBJA: IL-KELMA TAL-MULEJ

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb ta' l-Eżodu**
**Eż 17, 8-13**

F'dak iż-żmien: Il-poplu ta' Għamalek qam u tqabad ma' Israel f'Rafidim. Mose' qal lil Ġoswe': "Għażel irġiel u mur tqabad ma' Għamalek; jien noqgħod wieqaf fuq il-quċċata tal-għolja, bil-ħatar ta' Alla f'idejja.''
Ġoswe' għamel kif qallu Mose', u mar jitqabad mal-Għamalekin. Mose', Aron u Ħur telgħu fuq il-quċċata tal-għolja. Kull meta Mose' kien jerfa' idejh, Israel kien jirbaħ; u kull meta kien iniżżel idejh, kienu jirbħu l-Għamalekin. Meta idejn Mose' bdew jitqalu, ħadu ġebla u qedgħduhielu taħtu, u hu qagħad bilqiegħda, waqt li Aron u Ħur żammewlu idejh, wieħed kull naħa. Hekk idejh baqgħu sodi merfugħa sa nżul ix-xemx. U Ġożwe' qered lil Għamalek u l-poplu tiegħu b'xifer is-sejf.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 120**
**Il-għajnuna tiegħi minn għand il-Mulej.**

Nerfa' għajnejja lejn il-għoljiet;
Mnejn se tiġini l-għajnuna?
Il-għajnuna tiegħi mingħand il-Mulej
Li għamel is-sema u l-art.

**R/. Il-għajnuna tiegħi minn għand il-Mulej.**

Ma jħalli qatt lil riġlek jogħtor;
Hu, li jħarsek, ma jongħosx.
Ara, la jongħos u lanqas jorqod
Dak li jħares lil Israel.

**R/. Il-għajnuna tiegħi minn għand il-Mulej.**

Il-Mulej iħarsek,
Il-Mulej hu d-dell tiegħek
Fuq il-lemin tiegħek.
Bin-nhar ma tolqtokx ix-xemx,
Anqas il-qamar bil-lejl.

**R/. Il-għajnuna tiegħi minn għand il-Mulej.**

Il-Mulej iħarsek minn kull deni,
Hu jħarislek ħajtek.
Il-Mulej iħarsek int u ħiereġ u int u dieħel
Minn issa u għal dejjem.

**R/. Il-għajnuna tiegħi minn għand il-Mulej.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Timotju**
**2 Tim 3, 14-4, 2**

Għażiż: Ibqa' miexi f'dak li tgħallimt u emmint bis-sħiħ, għax taf mingħand min tgħallimtu, u għax minn żgħoritek sirt midħla tal-Kotba Mqaddsa, li jistgħu jagħtuk il-għerf li jwassal għas-salvazzjoni permezz tal-fidi fi Kristu Ġesu'.
L-Iskrittura kollha hi mnebbħa minn Alla u tiswa' biex wieħed igħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fil-qdusija, biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun perfett, imħejji għal kull ħidma tajba.
Nitolbok bil-ħerqa, quddiem Alla u Kristu Ġesu', li għandu jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin, f'isem id-Dehra tiegħu u s-Saltna tiegħu, xandar il-kelma, sus wara l-fidili f'ħin f'waqtu jew le, ċanfar, widdeb, wissi, bis-sabar kollu u bit-tagħlim.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Alla sejħilna permezz ta' l-Evanġelju,
biex niksbu l-glorja ta' Sidna Ġesu' Kristu.
**Hallelujah.**

**L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq 18, 1-8**

F'dak iż-żmien: Ġesu' qal parabbola lid-dixxipli tiegħu, biex jurihom li għandhom dejjem jitolbu bla ma jintelqu. Qalilhom: "Kien hemm f'belt wieħed imħallef, li la kien jibża' minn Alla u anqas iħabbel rasu minn ħadd. F'dik il-belt kien hemm waħda armla, u marret għandu u qaltlu, 'Għamilli ħaqq kontra l-għadu tiegħi'. Hu ma riedx, u dam ħafna hekk: iżda mbagħad bejnu u bejn ruħu qal, 'Mhux għax nibża' minn Alla jew għax se nħabbel rasi min-nies, imma għall-inqas għax din l-armla dejqitni: ħa nagħmlilha ħaqq, biex ma tibqax tiġi sa l-aħħar tiksirli rasi.''
U l-Mulej qal: "Isimgħu ftit xi jgħidlek l-imħallef il-ħażin. Imbagħad Alla, lill-magħżulin tiegħu li jgħajtulu lejl u nhar, sejjer ma jagħmlilhomx ħaqq? Se joqgħod itawwal magħhom? Jiena ngħidilkom li malajr jagħmlilhom ħaqq. Madankollu Bin il-Bniedem, meta jiġi, se jsib il-fidi fuq l-art?''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**